# Bażilika

**Rev. Dun Ivan D. Aquilina**

Hemm knejjes li għal diversi raġunijiet huma mogħnija bit-titlu ta' Bażilika.

Jeżistu tipi differenti ta' Bażiliċi. L-ewwelnett hemm dawk li jissejħu Bażiliċi Papali jew Maġġuri; dawn sa qabel il-pontifikat tal-Papa Emeritu Benedittu XVI kienu jissejħu Bażiliċi Patrijarkali. Hemm imbagħad xi Bażiliċi li baqgħu jissejħu Patrijarkali. Hemm Bażiliċi Minuri, bħal ma hija dik tagħna, u hemm ukoll xi wħud li jissejħu Pontifiċji. Hemm ukoll knejjes li huma affiljati ma' xi waħda mill-bażiliċi maġġuri. Hawnhekk ser naraw kif żviluppat l-idea ta' Bażilika u waqt li ser niddedika iktar spazju għal Bażiliċi Minuri (li huma l-maġġoranza), sejrin naraw ukoll xi jfissru il-Bażiliċi l-oħrajn.

**L-idea ta' Bażilika**

Il-kelma bażilika ġejja mill-Grieg u tfisser dar jew binja rjali. Ġeneralment il-binja bażilikali hija sala rettangulari b'żewġ passaġġi laterali bħala kurituri. (ara l-Bażikila ta' San Paolo fuori le mure, jew Santa Sabina, ġewwa Ruma). Meta l-Insara bdew jibnu il-knejjes tagħhom wara l-editt ta' Milan fis-313 il-kelma bażilika (jew dar tar-re) bdiet tiġi attribwita għal kull knisja kien x'kien l-istat arkitettoniku tagħha. Maż-żmien il-preferenza kienet li tintuża il-kelma knisja minflok bażilika. Xi wħud, iżda baqgħu jissejħu bażiliċi xorta waħda u dawn insejħulom Bażiliċi Immemorjali. Kanonikament kien biss fis-seklu tmintax li bdew jingħataw titli uffiċċjali ta' Bażiliċi. Minn dak iż-żmien it-titlu ta' Bażilika sar wieħed prestiġġjuż għal dawk il-knejjes li jiġu imżejna bih. Bażilika hija knisja per eċċellenza, post fejn il-fidi Kattolika, speċjalment fil-kult u fit-tagħlim, jixxandru b'mod eżemplari.

**Bażiliċi Papali**

Sa ftit snin ilu dawn kienu jissejħu Patrijarkali. Fid-dinja kollha hemm sebgħa minn dawn, ħamsa ġewwa Ruma u tnejn b'mod eżemplari.

L-oriġini kien li kull patrijarka (Arċisqof ta' sede b'dak it-titlu) ikollu knisja ġewwa Ruma. Għalhekk il-Papa, li dak iż-żmien kien jissejjaħ il-Patrijarka tal-Punent (titlu abrogat mill-Papa Benedittu XVI), kellu il-Knisja Arċibażilika u Omm tal-Knejjes kollha, dik iddedikata lis-Santissmu Salvatur, San Ġwann l-Evanġelista u San Ġwann Battista imma magħrufa fostna bħala San Ġwann Lateran. Il-Patrijarka ta' Kostantinopli kellu il-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan, il-Patrijarka ta' Lixandra kellu il-Bażilika ta' San Pawl barra l-ħitan, u l-Patrijarka ta' Antijokja kellu l-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore. Fis-sena 451, waqt il-konċilju ta' Kalċefonja, id-djoċesi ta' Ġerusalemm ġie elevata għall-Patrijarkat u għaliha il-Papa San Ljun il-Kbira ta l-Bażilika ta' San Lawrenz barra l-ħitan. Maż-żmien din il-konnessjoni spiċċat fix-xejn. Illum huma ħafna dawk il-knejjes f'Ruma li għandhom Kardinal bħala il-Patrun partikulari imma l-użanza Patrijarkali inqatgħet. Barra Ruma hemm iż-żewġ bażiliċi ta' Assisi dik ta' San Franġisk u l-oħra ta' Santa Marija tal-Anġli li ġew mgħonija b'dan it-titlu l-ewwel waħda fl-1754 mill-Papa Benedittu XIV u l-oħra mill-Papa San Piju X fl-1909. It-titlu huwa Patrijarkali imma l-ebda Patrijarka ma hu assoċjat magħhom.

Dawn il-Bażiliċi, l-erba maġġuri u Papali (Lateran, Vatikan, Liberjana u ta' San Pawl) u it-tlieta Patrijarkali San Lawrenz ġewwa Ruma u t-tnejn ta' Assisi għandhom l-artal maġġur li jissejjaħ Artal Papali. L-ebda Saċerdot jew Isqof ma jista' jqaddes fuq dawn l-artali ħlief il-Papa jew dawk li għandhom indult mingħandu. Il-bażiliċi Maġġuri, illum Papali, għandhom l-artal Papali kif ukoll il-Bieb Qaddis li jintuża fis-snin ġubilari. Dawn il-bażiliċi jistgħu jużaw id-distintiv tal-umbrellun u it-tinitnablu. Id-differenza hija li waqt li l-bażiliċi l-oħra jkollhom umbrellun tad-drapp tal-kuluri aħmar u isfar, ta' dawn ikun bellus aħmar u deheb u irrikmati, it-tintinnablu ma għandux ikun sempliċi imma ornamentat. San Ġwann Lateran seta' juża, u fil-fatt kien, żewġ tintinabbli u żewġ umbrelluni. Illum dawn il-Bażiliċi Papali ma għadhomx jużaw dawn id-distintivi. Fil-Bażiliċi Papali ukoll, sa mis-sena 1999, tista' tintrebaħ Indulgenza Plenarja kuljum.

**Bażiliċi Immemorjali**

Imma hemm knejjes oħra li mhumiex dawn li semmejna, u li qatt ma ingħataw it-titlu minn xi awtorità kompetenti (f'dan il-każ il-Papa Piju VI) kienet dik tal-Patrijiet Agostinjani ta' San Nikola ta' Tolentino, ġewwa Tolentino, fis-

27 ta' Ġunju 1783. Din il-knisja li fiha hemm il-fdalijiet tat-tawmaturgu San Nikola ta' Tolentino, ġiet magħżula sabiex issir Bażilika minħabba li dik il-belt kisbet posizzjoni strateġika bejn l-istati papli, ir-renju ta' Napli u l-imperu Awstrijak. L-ispirazzjoni ġiet mill-Bażilika ta' San Franġisk ta' Assisi, imma din ta' Tolentino mhix Patrijarkali imma Minuri. Wieħed u għoxrin sena wara, fl-1804, ġew imwaqqfa żewġ Bażiliċi Minuri oħra, fl-Italja ukoll: il-Katidral ta' Velletri u l-Katidral (illum Kon-Katidral) ta' Recanati. L-ewwel Bażilika Minuri imwaqqfa barra l-Italja hija l-Katidral ta' Notre Dame ġewwa Pariġi mill-Papa Piju VII fis-27 ta' Frar 1805, tlett xhur biss wara l-Inkoronazzjoni ta' Napuljun bħala Imperatur, funzjoni li għaliha kien preżenti l-istess Papa. Il-Katidral ta' Pariġi kien ir-raba' bażilika fid-dinja, u dawn l-erbgħa swew bħala mudell għall-knejjes oħrajn sabiex jitwaqqfu bħala bażiliċi. Sa Novembru 2015 in-numru ta' Bażiliċi Minuri fid-dinja kollha huwa 1786. Bażiliċi Minuri huma eretti mill-Papa direttament jew minn kongregazzjoni kompetenti, illum dik tal-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti, permezz ta' fakulta li din il-kongregazzjoni għandha mill-Papa nnifsu.

### Id-digriet *Lucerina*

Sa l-1836 kull bażilika imwaqqfa (inkluża dik tagħna) kellha privileġġi imsemmija fid-dokument tal-erezzjoni. Imma dokument kien ikun differenti minn ieħor, u iktar ma bdew jiżdiedu il-bażiliċi inqas kien hemm uniformità. Fl-1834 ġie mgħolli għad-dinjità ta' Bażilika Minuri il-Katidral ta' Lucera ġewwa l-Italja. Il-kapitlu tal-katidral kiteb lill-Kongregazzjoni tar-Riti sabiex jitfissru eżatt x' kienu il-privileġġi minħabba li kien hemm konfużjoni. Il-kongregazzjoni inħasdet b'din it-talba u tat risposta sentejn wara b'digriet imsejjaħ *Lucerina* li kien ippromulgat fis-27 ta' Awwissu 1836. Dan id-digriet huwa importanti il għaliex filwaqt li kein risposta għall-kapitlu ta' Lucera, kif jixhed ismu stess, sar ukoll id-dokument li kienu riferuti għalih il-Bażiliċi kolha li twaqqfu minn dik is-sena 'l quddiem. Id-digriet miktub mill-Kardinal Ġakbur Brignole, wara li sema' liċ-ċerimonjier papli, jgħid li Bażilika Minuri għandu jkollha id-drittijiet imsemmija fid-dokument tal-fondazzjoni tagħha anke jekk hemm l-użu tal-buġija, imma kollha jkollhom: umbrellun mingħajr tiżjin fid-deheb jew fidda, tintinnablu u l-*cappa magna* (għar-rettur tal-knisja). *Canopeum, omni tamen auri et argenti ornato ab eo excluso, tintinnabulum et usum cappae magnae.* Illum ir-retturi tal-bażiliċi jistgħu jużaw muzzetta sewda filettata bl-aħmar. Xi wħud mill-umbrelluni anke hawn Malta, huma dekorati bir-rakkmu, għalkemm dan imur kontra l-ispirtu tad-digriet Lucerina, l-użanza hija stabbilita biż-żmien, hekk kif inhu ikkontemplat fid-dritt kanoniku.

### Id-dritt tal-1917

Fl-1917 ġie ippromulgat id-dritt kanoniku. Il-kanoni 1180 jitkellem fuq dawn il-Bażiliċi Minuri. Dan jgħid hekk 'L-ebda knisja ma tista' tiġi mżejna bit-tilu ta' bażilika jekk mhux b'għotja appostolika jew minħabba usanza immemorjali; il-privileġġi jinsabu f'waħda minn dawn iż-żewġ sorsi'. Dan ifisser li l-ebda Bażilika ma setgħet titwaqqaf għajr mill-Papa jew dak li hu jaħtar għalhekk, jew għax sa minn żmien immemorjali kienu jissejħu hekk. Il-privileġġi tagħhom huma stabbiliti jew fid-digriet tal-erezzjoni jew fl-użanza innifisa. Il-privileġġi għalhekk baqgħu dawk deskritti fil-*Lucerina*. Id-drittu l-ġdid tal-1983 ma jikkontemplax il-Bażiliċi u għalhekk wieħed irid idur lejn dokumenti maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti, u jirriferi ukoll, meta hemm bżonn, għal dawn il-kanoni antiki - ara Kanoni 2, 4, 5/2 i 6/2 tal-Liġi Kanonika 1983.

### Id-digriet *Domus Dei*

Dan id-digriet ġie ippublikat fis-6 ta' Ġunju 1968 mill-kongregazzjoni tal-Kult Divin fl-istess jum li fih ġie approvat mill-Papa il-Beatu Pawlu VI. Dan id-digriet inkiteb sabiex iġib il-Bażiliċi fl-ispirtu tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II. Wara daħla li jispjega fuq fuq id-dinjità bażilikali huwa għandu tliet taqsimiet.

Fl-ewwel taqsima jispjega ir-rekwiżiti li għandu jkollha knisja sabiex tingħata id-dinjità bażilikali, trid tkun imdaqqsa, mogħnija b'opri ta' arti u li fiha il-liturġija tiġi ċċelebrata b'mod solenni. Il-knisja trid tkun ikkonsagrata u magħrufa fid-djoċesi fejn qegħda minħabba xi avveniment reliġjuż ta' importanza storika, jew għax hemm xi korp sant jew relikwija insinji jew inkella għaliex hemm statwa jew xbiha li lejha hemm devozzjoni kbira. Irid ikollha kor ippreparat għat-tisbiħ tal-liturġija, numru ta' saċerdoti li jistgħu iżommu diversi ċelebrazzjonijiet u fuq kollox li tkun ċentru u mudell ta' ħidma pastorali u spiritwali fejn il-predikazzjoni tittieħed b'serjetà kbira.

It-tieni taqsima titkellem dwar id-dmirijiet ta' Bażilika. Trid tkun ċentru ta' tagħlim nisrani u post fejn il-ħajja nisranija hija promossa. Trid tkun ukoll post fejn id-dokumenti papali jiġu mgħallma. Ġewwa Bażilika jinżammu sollennement il-festi tal-Katedra ta' San Pietru (22 ta' Frar), San Pietru u San Pawl (29 ta' Ġunju), u l-anniversarju tal-elezzjoni tal-Papa. F'jum ta' festa ġewwa il-bażiliċi għandu jkun hemm quddiesa bil-Latin u jekk possibli bil-kant gregorjan.

Il-faċċata tal-Bażilika għanda tissebbaħ bl-armar tal-Papa jew tas-Santa Sede.

It-tielet u l-aħħar taqsima ta' dan id-digriet jitratta il-privileġġi li jingħataw lill-insara kattoliċi li jżuru Bażilika, li huma l-Indulġenza Plenarja fil-festa ta' San Pietru u San Pawl, fil-festa titulari, fil-ġurnata tal-Porzjunkola (2 ta' Awwissu) u f'jum ieħor magħżul li jista' jkun ukoll il-jum li fih twaqqfet il-Bażilika. Il-Bażilika tista' tuża l-arma papali fis-siġill u fl-arma tagħha u r-rettur jista' jilbes muzzetta sewa filettatat u bil-buttuni homor.

Id-digriet itemm billi jgħid li kull talba għad-dinjita ta' Bażilika għanda tiġi mressqa mill-isqof djoċesan. Dan id-digriet baqa' validu sal-1989. F'Ottubru 1975 il-kongregazzjoni tal-Kult ippublikat dokument (mingħajr awotrità ġuridika) sabiex tispjega il-kundizzjonijiet sabiex knisja issir Bażilika. Dan kien dokument privat li jista' jinsab meqlub fl-ingliż fit-8 volum tal-*Canon Law Digest*.

**Id-digriet *Domus ecclesia***

Fit-28 ta' Ġunju 1988, il-papa Ġwanni Pawlu II ippromulga il-kostituzzjoni Apostolika *Pastor Bonus* li tirregola b'mod legali l-operat tad-dikasteri kollha tas-Sede Apostolika. Artiklu 69 ta' din il-kostituzzjoni jipprovdi li l-elevazzjoni ta' knejjes għad-dinjità bażilikali jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kongregazzjoni tal-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti. Kien għalhekk u minħabba f'hekk li din il-kongregazzjoni ippublikat id-digriet *Domus ecclesiae* nhar id-9 ta' Novembru 1989, festa tal-Konsagrazzjoni tal-Arċibażilika tal-Lateran. Id-digriet, li jieħu post dak imsemmi *Domus Dei* tal-1968, jagħti introduzzjoni ferm qasira għall-knejjes Bażilikali li huma knejjes magħqudin b'mod partikulari mal-Knisja ta' Ruma u mal-Papa.

Fl-ewwel taqsima id-dokument isemmi x'inhu meħtieġ minn dawk il-knejjes li qed jiġu meqjusa għad-dinjità bażilikali. Trid tkun knisja ikkonsagrata, ċertu attiv tal-liturġija pastorali, speċjalment fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Quddies, il-qrar u s-sagramenti l-oħra u li tkun ta' eżempju fil-mod kif titħejja il-liturġija, kif tiġi ċċelebrata u fil-parteċipazzjoni attiva tal-fidili. Trid tkun imdaqqsa u mgħammra b'kollox għaċ-ċelebrazzjoni liturġika kif maħsuba wara r-riforma liturġika tal-Konċilju Vatikan II. Trid tkun knisja magħrufa u popolari fid-djoċesi minħabba xi raġuni storika, minħabba xi relikwi li jinżammu fiha jew minhabba xi xbiha devota u popolari. Is-sbuħija tal-arti fi knejjes bħal dawn tista' tkun fattur li jgħin fil-kisba ta' dan il-privileġġ kbir. Sabiex il-liturġija tas-sena liturġika tkun miżmuma b'dinjità patikulari hemm bżonn li jkun hemm numru adatt ta' saċerdoti li jaraw b'mod speċjali li jkun hemm ħinijiet u saċerdoti biżżejjed għall-qrar. Kor imħarreġ sewwa għandu jinkoraġġixxi il-parteċipazzjoni tal-fidili fil-quddiesa.

It-tieni taqsima turi il-mod kif petizzjoni għall-għotja tad-dinjità ta' Bażilika Minuri għandha issir. L-ewwelnett talba mill-Isqof Djoċesan anke jekk il-knisja tappartjeni lir-reliġjużi. It-tieni qbil mill-konferenza episkopali, rapport li jelenka ir-raġunijiet tat-talba u li juri li l-kriterji kollha mitluba huma milħuqa. Album tar-ritratti li joffri evidenza ta' dak li tniżżel fir-rapport. Fl-aħħarnett il-kwestjonarju mibgħut mill-kongregazzjoni ikun mimli kollu u sewwa.

It-tielet taqsima titħaddet dwar id-dmirijiet ta' Bażilika Minuri. L-ewwelnett bażilika għanda tkun iċ-ċentru ta' tagħlim liturġiku u ta' studju dwar dokumenti papali, speċjalment dawk li jitrattaw il-liturġija. Is-sena liturġika trid tinżamm bl-akbar reqqa u preparazzjoni fejn il-bażilika tkun knisja stazzjonali għad-djoċesi. Il-predikazzjoni trid tkun waħda ippreparata, il-liturġija tas-sigħat offruta għall-poplu ta' Alla, devozzjonijiet partikolari jiġu promossi u il-pasteċipazzjoni attivà tal-fidili hija assigurata. Il-kant liturġiku għandu jkun ippreparat sew u fejn il-lajċi jiġu minn diversi pajjiżi, kant bħal Missierna u l-Kredu għandu jkun bil-Latin u fuq ton gregorjan li huwa il-kant proprju tal-liturġija Rumana. Sabiex l-għaqda partikulari bejn il-bażilika u l-katedra ta' Pietru ġewwa Ruma tintwera b'mod sħiħ, ta' kull sena, dawn il-festi għandhom jinżammu b'mod solenni: il-Katedra ta' Pietru, San Pietru u San Pawl, u l-anniversarju tal-elezzjoni tal-Papa jew l-anniversarju tal-jum li fih il-ministeru Petrin tal-Papa ġie inawgurat.

Ir-raba' u l-aħħar taqsima ta' dan id-digriet titkellem dwar il-konċessjonijiet marbuta ma' knejjes bit-titlu ta' Bażilika Minuri. Wara dettalji ta' kif tiġi mħabbra Bażilika ġdida ningħataw dettalji dwar l-indulġenzi plenarji li il-fidili jistgħu jirbħu (taħt il-kundizzjonijiet tas-soltu) f'jum il-konsagrazzjoni tal-knisja Bażilikali, fil-festa titulari, f'dik ta' San Pietru u San Pawl, f'jum l-anniversarju tal-għotja tat-titlu, f'jum magħżul mill-Ordinarju, u darba fis-sena f'jum magħżul mill-fidili infushom. L-istemma papali tal-imfietaħ ta' Pietru jistgħu jintużaw fuq id-dekorazzjonijiet, il-bnadar u s-siġill tal-Bażilika. Ir-rettur jista' juża il-muzzetta sewda imberfla bl-aħmar, anke fuq l-abitu reliġjuż, meta jkun qed jaqdi l-uffiċju tiegħu.

Interessanti li dan id-digriet ma jsemmi xejn fuq l-umbrellun u t-tintinabblu, iżda il-prassi hija li dawn jingħataw, hekk kif rajna meta tħabbret il-bażilika tal-Madonna tar-Rużarju ġewwa Manaoag fil-Filippini nhar il-15 ta' Ottubru 2015.

Inċidentalment din il-bażilika hija afdata f'idejn id-dumnikani. L-użanza tal-aħħar għoxrin sena hija li fil-quddiesa tal-inawgurazzjoni ta' Bażilika Minuri ġdida, waqt il-kant tal-glorja jindaqqu il-qniepen u fl-istess ħin jiddaħlu fil-knisja l-umbrellun u t-tintinabblu. Wara il-'Glorja' iżda qabel il-kolletta jinqara id-digriet tal-erezzjoni. Wara il-quddiesa issir purċissjoni il-preferibbilment toħroġ mill-Bażilika il-ġdida fejn jintużaw l-umbrellun u t-tintinabblu u fl-għeluq jitkanta it-*Te Deum*. Deskrizzjoni dettaljata ta' dan l-avveniment għandu jinżamm kemm fl-arkivju veskovili kif ukoll f'dak tal-Bażilika.

It-titlu jingħata għal dejjem, iżda is-Sede Appostolika tista' tirrevoka dan it-titlu li jispiċċa wkoll jekk il-knisja tiġġarraf u ma terġax tinbena sa żmien ħamsin sena.

Innota wkoll li Bażilika hija inqas fid-dinjità minn Katidral, u li jekk Bażilika Minuri tieħu sehem fi proċessjoni fejn il-kapitlu tal-Katidral qed jieħu sehem allura l-umbrellun u t-tintinablu ma jitteħdux fil-purċissjoni sakemm il-Katidral ukoll ma jkunx Bażilika Minuri.

**L-Umbrellun u t-tintinablu**

L-ikbar distintivi viżibbli ta' kull Bażilika Minuri huma l-umbrellun u t-tintinablu. L-ewwel evidenza tal-użu ta' dawn id-distintivi imur lura għas-7 ta' Ottubru 1391 il-jum li fih ġiet ikkanonizzata Santa Brigida fejn insibu li l-Kapitlu tal-Bażilika ta' San Pietru kien quddiem il-Papa bil-Baldakkin, bis-salib, bl-umbrellun u t-tintinablu. Dawn kienu id-distintivi tal-kolleġjata ta' Ruma li saru ukoll id-distintivi tal-Bażiliċi Minuri sabiex tintwera il-għaqda bejn il-knisja mżejna bid-dinjità bażilikali u l-knejjes fid-djoċesi ta' Ruma.

Fl-1836, kif rajna fid-digriet Lucerina, ġie deċiż li għall-Bażiliċi kollha l-umbrellun ikun aħmar u isfar, il-kuluri tal-Belt Eterna, imma hemm Bażiliċi, speċjalment bħal dik tagħna li saret qabel l-1836, fejn l-umbrellun huwa abjad bħal dak li jinsab ukoll fil-Bażilika ta' Sant Anna ġewwa Altotting il-Ġermanja.

Oriġinarjament l-umbrellun tal-kolleġġjati ta' Ruma kien jinżamm imbexxaq, bħalma nafuh fil-purċissjonijiet tagħna, imma malli l-Papa kien jasal fil-kolleġjata, kien jinfetaħ kollhu sabiex joffri kenn lill-Papa mill-karozella sal-bieb tal-Kolleġjata. L-umbrellun imbexxaq allura ifisser ix-xewqa u l-istennija ta' żjara mill-Papa u għalhekk l-għaqda miegħu. Maż-żmien il-kolleġjati ma baqgħux jużaw l-umbrellun biex joffri kenn għall-Papa imma inżamm bħala distintiv ta' knisja kolleġjata ta' Ruma.

L-oriġini tat-tintinabblu ma tantx hu ċar. It-teorija hija li kien jinżamm quddiem purċissjoni stazzjonali, kemm biex in-nies jersqu fil-ġenb ħalli tgħaddi il-proċessjoni u kif ukoll għall-knisja stazzjonali sabiex ir-rettur jinduna li l-purċissjoni qegħda toqrob.

L-umbrellun u t-tintinablu jistgħu jintużaw kemm fi purċissjonijiet liturġiċi u kif ukoll dawk devozzjonali. Hemm postijiet fejn it-tintinablu u l-umbrellun jimxu wara s-salib tal-kleru u oħrajn, bħal ma jidher li jsir ġeneralment f'Malta, fejn jimxu quddiem is-salib tal-kleru. Iż-żewġ modi huma stabbiliti bħala użanzi.

Meta ma jintużawx fil-purċissjoni l-umbrellun u t-tintinablu għandom jinżammu wieħed fuq kull naħa tal-Presbiterju, sakemm ma hemmx użanza oħra.

**Bażiliċi oħrajn**

Hemm xi Bażiliċi li huma magħrufa bħala Bażiliċi Pontifiċji. Dawn huma Bażiliċi Minuri li jaqgħu direttament taħt il-Papa u mhux l-isqof djoċesan. Il-Papa għalhekk jaħtar delegat papali, li jista' jkun ukoll l-isqof djoċesan. Xi wħud minn dawn il-Bażiliċi Pontifiċji huma: Il-Madonna tar-Rużarju ġewwa Pompei, il-Bażilika ta' Sant Antnin ġewwa Padova, il-Bażiliką ta' Santa Marija ġewwa Loreto, il-BAżilika ta' San Nikola ġewwa Bari (afdata lill-Patrijiet Dumnikani), u il-Bażilika ta' San Mikiel ġewwa Madrid.

**Affiljati**

Hemm imbagħad knejjes li huma affiljati ma xi waħda mill-Bażiliċi Papali. It-talba issir mir-rettur tal-Knisja u mressqa lill-Kapitlu tal-Bażilika Papali mill-isqof tal-post. Jekk il-kapitlu jilqa' it-talba tingħata l-affiljazzjoni. L-affiljazzjoni ma' tagħmilx dik il-knisja partikulari bħala Bażilika Minuri imma waħda magħquda b'mod speċjali mal-Bażilika Papali li ikkonċediet l-affiljazzjoni. Il-Parroċċa Dumnikana ta' Ġesù Nazzarenu f'tas-Sliema hija eżempju ta' dan.





*Il-Bażilika tagħna fis-snin sebgħin u tmenin waqt il-purċissjoni ta' San Duminku u Corpus*



*Il-Bażilika ta' San Duminku takkumpanja il-purċissjoni ta' Santa Marija fil-Qrendi fis-snin ħamsin*



*L-Umbrellun tas-sekonda festi*



*Dettall li juri lil San Duminku fl-Umbrellun tas-sekonda festi*



*It-Tieni umbrellun Bażilikali ta' San Duminku il-Belt Valletta*

## Il-Bażilika tagħna

Kif għedna qabel l-ewwel Bażilika Minuri mgħotija din id-dinjità mill-awtorità kompetenti hija dik ta' San Nikola ta' Tolentino ġewwa l-belt ta' Tolentino. Imbagħad fis-sena 1804 saru tnejn (Veleltri u Recenati), fl-1805 il-Katidral ta' Pariġi (l-ewwel waħda barra l-Italja). Fl-1806 saru tnejn oħra (Il-Lunzjata ta' Firenze u l-Katidral ta' Foggia), fl-1810 Santa Marija la Pena ġewwa Graus fi Spanja (it-tieni waħda barra l-Italja). Dik ta' San Duminku tal-Belt hija it-tmien waħda li saret fid-dinja, it-tielet waħda barra l-Italja u l-ewwel waħda fil-gżejjer Maltin.

Wara sagrifiċċji u intoppi kbar il-knisja Matriċi ta' San Duminku kienet mibnija mill-ġdid. L-aħħar intopp li nqala' u waqqaf ix-xogħol kienet il-misħuta pesta. Waqt dan il-flagell id-Dumnikani tal-Belt Valletta iddistingwew ruħhom fil-kura pastorali li taw lill-vittmi u lill-popolazzjoni tal-Belt. Kien minħabba f'dan li fuq ħidma tal-famuż Patri Vinċenz Marija Portelli OP, rikors mill-Parroċċa u mill-kommunità tal-patrijiet, imressqa mid-djoċesan ta' Malta l-Arċisqof Ferdinandu Mattei, il-Papa Piju VII għolla il-knsija Parrokjali, Matriċi u Ewlenija tagħna għad-dinjità ta' Bażilika Minuri. Id-digriet jibda billi jtenni it-tagħlim tal-Mulej li ma hemmx imħabba ikbar minn dik li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu. Ikompli jgħid li fuq rapport tal-Isqof ta' Malta huwa sar jaf bil-kura pastorali qawwija li tingħata mill-patrijiet dumnikani fil-Parroċċa Ewlenija u Matriċi tal-Belt Valletta, u jsemmi b'mod partikolari id-dedikazzjoni li urew il-patrijiet fil-pesta li kienet għada kemm għaddiet minn fuq l-istess Belt. B'rikonoxximent ta' dan il-fatt, u anke minħabba il-qedem tal-parroċċa (li sa dak iż-żmien kienet għada l-uniku waħda f'Malta afdata f'idejn ir-reliġjużi), u kif ukoll minħabba il-bini tal-knisja ġdida il-Papa ried jagħniha b'dinjità li tagħmilha "illustri mhux biss fuq il-knejjes l-oħra imsemmija imma wkoll iżjed venerabbli". Għaldaqstant il-Papa għolla il-knisja għad-dinjità ta' Bażilika Minuri f'kollox u għal kollox bħal Bażilika tal-Belt ta' Tolentino. Dan sar hekk il-għaliex kif għedna Tolentino kienet l-ewwel Bażilika Minuri fid-dinja imwaqqfa mill-awtorità kompetenti u allura kienet qed isservi ta' mudell għal dawk li twaqqfu warajha bħal ma kienet dik ta' Lucera wara l-1836. F'dan id-dokument Papali, magħruf bħala Brevi (li huwa document ġuridiku per eċċellenza), il-Papa jagħti il-privileġġ tal-umbrellun bażilikali tal-ħarir, imma ma jissemmew ebda kuluri. Fil-belt din ġiet interpretata bħala ħarir abjad irrakmat. Għaliex? Jista' jkun li hekk kien l-umbrellun ta' Tolentino, sabiex jevitaw l-isfar u l-aħmar bħala kuluri riservati għal Belt ta' Ruma u anke forsi minħabba l-atmosfera ta' waqt u wara il-gwerer Napoljoniċi. Kif diġa semmejna, il-bażilika ta' Altotting, li twaqqfet ferm wara il-*Lucerina,* għandna wkoll umbrellun abjad. Dawn l-użanzi jidħlu għal diversi raġunijiet u jekk ma jiġux imwaqqfa mill-awtorità kompetenti wara ftit taż-żmien jirbħu l-istatus ta' użanza hekk kif ikkontemplata u protetta bil-liġi kanonika.

Interessanti li l-Papa ma jagħtix lill-knisja tagħna l-użu tat-tintinablu, imma minflok jagħti id-dritt li tkun hi l-ewwel knisja fil-Belt, wara dik ta' San Ġwann, li tħabbar il-qawmien ta' Kristu mill-mewt (il-Glorja) nhar is-Sibt tal-Ġimgħa Mqaddsa. Ovvjament għal dak iż-żmien dan kellu tifsira singulari, li wara mitejn sena diffiċli nifhmu. Huwa ċar li dan kien iktar utli għall-Parroċċa tagħna mill-użu tat-tintinablu. Il-bolla issemmi ukoll kemm il-darba il-komunità tal-Patrijiet tal-belt bħala l-amministraturi tal-Parroċċa u tal-Bażilika. Sa dak iż-żmien ir-rettur ta' Bażilika kien jingħata ilbies speċjali (il-kappa magna), jista' jkun li kien għalhekk li għaxar xhur wara, l-istess Papa b'dokument uffiċjali ieħor jagħti lill-Patrijiet tal-belt il-privileġġ rari li jilbsu rukkett u muzzetta filettata bl-abjad. Meta sar ir-rikors lill-Papa kemm l-isqof djoċesan Mattei, kif ukoll il-gvernatur ta' Malta, Thomas Maitland, appoġġjaw din it-talba kif nindunaw minn ittra li l-Kardinal Consalvi bagħat lill-Isqof Mattei fil-21 ta' Jannar 1817.

## Egħluq

Illum fil-gżejjer Maltin għandna numru sabiħ ta' Bażiliċi. San Duminku damet 79 sena bħala l-unika Bażilika f'Malta u Għawdex. It-tieni waħda saret fl-1895 u hija dik tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt. Naħseb aħna n-nies tal-Belt xortina tajba li għanda żewġ Bażiliċi fil-Kapitali u t-tnejn fl-istess parroċċa.

Bażilika hija dinjità singulari li tingħata lil xi knisja eċċezzjonali. Hija strument ġewwa djoċesi li turi l-għaqda mal-Papa u mal-Knisja ġewwa Ruma. Fiha il-liturġija tiġi ċċelebrata denjament, u hija wkoll post fejn il-predikazzjoni u t-tagħlim nisrani jittieħed b'serjetà kbira. Aħna nafu li dan seħħ ġewwa San Duminku tal-Belt tul l-aħħar mitejn sena u nitolbu li jibqa' jsir għas-snin li ġejjin.